**Qorti Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Ammissjoni Nru: 1/2015**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Steven Micallef**

**Illum 24 ta' Frar, 2016**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-akkuzat Steven Micallef, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 507577M akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer fit-2 ta' Mejju, 2007 u fix-xhur ta' qabel din id-data:

a) Ikkoltiva l-pjanta *cannabis* bi ksur tal-artikolu 8(c) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.
b) Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.
c) Kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehudha mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u din bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali il-flejjes u l-propjeta mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti illi jew ikunu imissu lill-akkuzat jew huma propjeta' taghhom, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkuzat milli jittrasferixxi jew xort' ohra jiddisponi minn xi propjeta' mobbli jew immobbli.

Il-Qorti giet mitlbua sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mil-Ligi, tordna lill-akkuzat sabiex ihallas l-ispejjez li ghanhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikou 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tal-Qorti tal-Magistrati tat-12 ta' Frar, 2015 fejn l-akkuzat Steven Micallef ikkonferma l-ammissjoni tieghu registrata fis-7 ta' Mejju, 2007, u dan anke wara illi l-Qorti tatu zmien jikkonsidra l-ammissjoni tieghu.

Rat in-nota tal-Avukat Generali pprezentata fir-registru ta' din il-Qorti fl-20 ta' Frar, 2015 fejn iddikjara li ai termini tal- artikolu 392B(2) tal-Kap IX tal-Ligijiet ta' Malta, illi l-imputazzjonijiet kif adebitati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja u li ghalihom l-imputat rregistra l-ammissjoni fuq imsemmija, ghandhom jitqiesu bhala Att ta' Akkuza ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Rat ir-rikors kongunt tal-akkuzat u l-Avukat Generali pprezentat fit-13 ta' Jannar, 2016, fejn iddiljaraw illi qablu ai termini tal-artikoli 392B(5)(a) tal-Kodici Kriminali u talbu lil din l-Onorabbli Qorti illi il-piena li ghandha tigi nflitta fuq l-akkuzat Steven Micallef minn din l-Onorabbli Qorti ghandha tkun dik ta' prigunerija effettiva ghal perijodu ta' hames (5) snin flimkien ma' multa ta' sittax-il elf ewro (€16000), u dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza ohra konsegwenzjali ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija ai termini tal-Kaptitolu 9 u Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati.

Ghaldaqstant, din il-Qorti, in vista tal-ammissjoni bikrija registrata quddiem il-Qorti tal-Magistrati fis-7 ta' Mejju, 2007, u sussegwentement konfermata fit-12 ta' Frar,

2015, tiddikjara lil Steven Micallef hati talli f'dawn il-Gzejjer fit-2 ta' Mejju, 2007 u fix-xhur ta' qabel din id-data:

a) Ikkoltiva l-pjanta *cannabis* bi ksur tal-artikolu 8(c) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.
b) Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.
c) Kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehudha mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u din bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat,

Il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna taghmel ammissjoni bikrija u cioe' il-linji gwida imfassla fid-decizjonijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi" [24.2.1997] (Qorti Kriminali); "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri" [5.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali); "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa" [17.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali) kif ukoll il BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (Blackstone Press Limited 2001 edit);

Din il-Qorti tħoss li fil-każ ta' **Steven Micallef** għandha taderixxi għat-talba konġuntiva magħmula skond l-artikolu 392B(5)(a) tal-Kodiċi Kriminali u għaldaqstant, wara li rat l-artikoli 2, 8(a)(b)(c)(d)(e), 9, 10(1), 12, 20, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(aa)(3)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; ir-Regolamenti 4, 4(a), 8 and 9 tal-Legislazzjoni sussidjarja 101.02 (L.N. 292/1939) u l-artikoli 17(h), 18, 20, 22, 23 and 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-hati Steven Micallef ghal piena ta' prigunerija effettiva ghal perjodu ta' hames (5) snin flimkien ma' multa ta' sittax-il elf ewro (€16000) li jekk ma tithallasx puntwalment tigi konvertita f'terminu ta' sena prigunerija, kif ukoll tikkundannah ihallas s-somma ta' Ewro 5,846.37 (hamest elef, tmien mija, sitta w erbghin ewro u sebgha u tletin centezmu), rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli ohra tal-hati.

Inoltre jekk l-ispejjez tal-perizja ma jithallsux fi zmien hmistax-il jum mid-data tas-sentenza jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija skont il-ligi.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota, li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax-il (15) jum mid-data tas-sentenza, li d-droga esebita hija mehtiega ghal konnessjoni ma' xi proceduri kriminali ohra kontra terzi persuni, id-droga kollha esebita u l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur tal-Qorti Kriminali li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni u jgibu a konjizzjoni tal-Qorti b'nota appozita b'kopja li ghandha tigi innotifikata lill-Avukat Generali u lill-hati.

(ft) Edwina Grima

Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur